MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 10/1997/1

Citazzjoni numru 10/1997

Margaret mart George Vella, Maria Regina Zerafa u ghal kull interess li ghandu George Vella zewg Margaret Vella

vs

Salvu Parnis

Il-Qorti,

Fic-citazzjoni l-atturi jippremettu:

Illi l-konvenut ghandu bicca art fis-Sannat hdejn ir-raba ta' l-atturi maghruf bhala 'Ta' Majha', u peress illi fl-imsemmija art tal-konvenut hemm molqa li minnha jghaddi l-ilma tax-xita li jmur gol-bir li l-atturi ghandhom fl-imsemmija raba taghhom; u peress illi fit-22 ta' Novembru 1996 il-konvenut klandestinament u abbuzivament radam

bil-hamrija l-imsemmija molqa u b’hekk waqqaf illi l-ilma tax-xita jghaddi minnha ghall-imsemmi bir ta’ l-atturi, kif ilu jigri ghal hafna generazzjonijiet;  u

Illi l-konvenut baqa’ ma nehhiex ir-radam tal-hamrija mill-molqa minkejja li gie interpellat biex jaghmel dan;

Talbu ghaliex din l-Qorti m’ghandhiex:

1. tiddikjara li l-konvenut ikkommetta spoll vjolent ghad-dannu ta’ l-atturi meta huwa radam bil-hamrija l-molqa li minnha jghaddi l-ilma tax-xita ghall-bir li l-atturi ghandhom fir-raba taghhom maghruf bhala ‘Ta’ Majha’ fis-Sannat, Ghawdex;

2. tikkundanna lill-konvenut fi zmien perentorju jnehhi l-hamrija li biha radam il-molqa imsemmija u ma jostakolax li l-ilma tax-xita jghaddi mill-molqa ghall-bir ta’ l-atturi fir-raba imsemmija taghhom;

3. tawtorizza lill-atturi, fin-nuqqas li l-konvenut inehhi r-radam imsemmi li qed jordom il-molqa imsemmija u kull ostakolu iehor li jzomm li l-ilma tax-xita jghaddi mill-molqa ghall-bir imsemmi ta’ l-atturi, li ghas-spejjez tal-konvenut inehhu huma r-radam u kull ostakolu iehor mill-art tal-konvenut fuq imsemmi;

B’riseva ta’ kull azzjoni ghad-danni li l-atturi sofrew u ser isofru b’konsegwenza ta’ l-ispoll imsemmi u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-7 ta’ Jannar 1997 kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom flimkien mal-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:

1. preliminarjament illi l-gudizzju mhux integru billi l-art li dwarha qeghdha ssir din il-kawza tappartjeni lill-

konvenut Salvu Parnis u lil huh Krispinu Parnis u x-xoghlijiet fiha dejjem saru minnhom it-tnejn;

2. fil-mertu u minghajr pregudizzju huwa kkontestat li l-proprjeta' ta' l-atturi tgawdi xi servitu fuq dik tal-konvenut;

3. inoltre t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt minhabba l-karenza ta' l-element tal-pussess li huwa mehtieg sabiex tirnexxi kawza ta' spoll.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu flimkien mal-lista tax-xhieda.

Ezaminat l-atti u d-dokumenti;

Rat ix-xhieda;

Rat id-digriet tat-30 ta' Mejju 2001 fejn il-kawza thalliet sine die sussegwentement riappuntata fuq talba ta' l-atturi;

Ikkunsidrat:

Mill-atti jirrizulta li l-kawza ta' spoll m'ghadhiex tezisti bil-konsegwenza li l-meritu tal-kawza huwa illum ezawrit u fadal biss li jigi deciz il-kap ta' l-ispejjez.
L-atturi fic-citazzjoni taghhom attribew l-ispoll ghall-fatt li tradmet molqa li kienet tissuplixxi ilma lill-bir fl-ghalqa taghhom li tigi ma' genb dik tal-konvenut. Il-fatt ta' l-ispoll skond l-atturi sar mill-konvenut u gie mnehhi fil-mori tal-kawza meta huma nehhew l-ostakolu tal-hamrija madwar il-molqa li kien qieghed jostakola l-iskular ta' l-ilma ghall-bir taghhom. Il-konvenut minn naha tieghu oppona l-pussess ta' l-atturi u n-nuqqas ta' xi dritt ta' servitu taghhom fuq l-art tieghu. Issa kien jispetta lill-atturi li jippruvaw 'inter alia' li kien hemm spoll, kif minnhom sostnut, u li dan gie kommess mill-konvenut. Mill-provi

taghhom dan ma giex sufragat.  La jirrizulta f'xhiex kienet tikkonsisti din il-molqa, la fejn kienet sitwata, la kif eventwalment tnadfet. Kemm il-konvenut u kemm id-detentur ta' qablu stqarrew li huma kienu ghal kollox injari dwar din il-molqa.  Anzi l-konvenut fix-xhieda tieghu prezentata permezz ta' affidavit jistqarr li wara li l-art fejn suppost kien hemm din il-molqa nxtrat minnhom fl-1994 kienu zerghuha ghalf ghall-baqar li jidher huwa l-fonti principali tan-negozju taghhom.

Fic-cirkustanzi hi l-fehma tal-Qorti li l-azzjoni esperita mill-atturi ma kinitx tirnexxi fuq il-provi disponibbli in atti u ghalhekk huwa huma li ghandhom ibatu l-ispejjez taghha.

Ghaldaqstant tiddeciedi u tiddisponi mill-kawza billi tiddikjara meritu ezawrit u tieqaf li tiehu konjizzjoni tieghu waqt li in kawntu ghall-kap ta' l-ispejjez dawn ghandhom ikunu fl-intier taghhom a karigu ta'  l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------